MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2007

Numru. 878/2005

Il-Pulizija
(Spettur Anthony Portelli)

vs

Ernest Grima

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi, Ernest Grima, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 19176(M), fejn gie akkuzat talli b’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

U aktar talli f'Hal-Qormi fit-3 ta' Awissu 2005 u fil-granet ta' qabel din id-data, ikkommetta diversi serqiet ta' ammonti ta' flus li globalment jeccedu l-LM100 izda mhux aktar minn LM1,000 u mus ta' ghamla Leather Man li jiswa madwar LM20 mill-ufficini tal-kumpanija Westlake Films, sitwati fi Triq l-Industrija, Hal-Qormi, liema serq huwa ikkwalifikat bil-persuna, u dan sar ghad-detriment tad-derigenti ta' l-imsemmija kumpanija;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens ta' l-Avukat Generali datat 5 ta' Ottubru, 2005 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghat lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta mill-ezami li sat fis-16 ta' Frar, 2006 (a *folio* 6).

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti tas-seduta tas-16 ta' Fra, 2006 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Rat il-*pre-sentencing inquiry report* fil-konfronti ta' l-imputat li jinsab esebit a *folio* numru 20 tal-process Illi fuq ammissjoni ta' l-istess imputat u wara li rat l-artikolu 268 u 18 tal-Kapitlu 9, il-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti qieset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena:

1. Il-fatti illi d-derubat f'din il-kawza ddikjara li ma ghandu ebda pretenzjoni ulterjuri fil-konfront ta' l-imputat.

2. Il-fatt li l-imputat irritorna lura l-oggetti misruqa u radd lura l-ammont ta' flus minnu misruq.

3. Il-fatt li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Prosekuzzjoni sa mill-bidu nett ta' l-investigazzjoni.

4. L-ammissjoni bikrija ta' l-imputat liema ammissjoni giet registrata fil-bidu nett ta' dawn il-proceduri.

*5.* Ir-rakkomandazzjoni tal-*probation officer* fil-*pre-sentencing inquiry report.*

Il-Qorti jidrilha li l-piena ta' prigunerija mhux ghaqlija ghall-akkadut u li jkun opporun li l-imputat jinghata cans iehor sabiex jirriforma ruhu u ghalhekk waara li rat l-Artikolu 7 tal-Kapitlu 446 qeghda taghmel ordni ta' probation li permezz tieghu tqieghed lill-hati taht sorveljanza ta' l-ufficjal tal-*probation* Mary Anne Zammit u dan ghal perjodu ta' tlett snin millum.

Ernest Grima ghandu jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-*probation officer* mahtura lilu.

L-Uffijcal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandha tirraporta bil-progress ta' Ernest Grima kull xahrejn bil-miktub.

Ernest Grima ghandu javza immedjatament lill-ufficjal tal-probation b'kull tibdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car l-effett ta' din l-ordni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------